# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Hamis tmienja u ghoxrin (28) ta' Settembru 2017**

**Rikors Numru 86/13 FDP**

**Joseph Chetcuti**
**(ID 597751M)**

**vs**

**ECO Group Limited**
**(C 31010)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fil-25 ta' Marzu 2013 fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta intimata tirrifondi lura lill attur, hekk likwidata bl-opera ta' periti nominandi, dik il-parti tal-prezz ta' hdax-il elf Euro (€11,000) rappresentanti x-xiri ta' *photovoltaic system* konsistenti fi tletta il-*solar panel* M240 u *inverter trap* tad-ditta Bavaria 2500 flimkien ma' l-accessorji, liema systema ma kienetx tal-kwalita' pattwita u kwindi ma setax isir l-uzu taghha kif mixtieq, u dana wara illi jigi dikjarat illi l-oggetti kkonsenjati mis-socjeta intimata ma kienux tal kwalita' pattwita.

Rat ir-risposta tas-socjeta intimata ppresentata fil-25 ta' April 2013 fejn, filwaqt illi ddikjarat li t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid dritt, sahqet illi r-rikorrent kellu jiddikjara x'inhi in-nuqqas ta' kwalita' pattwita minnu ilmentata filwaqt illi insistiet illi s-sistema kienet tal kwalita' pattwita u giet ikkonsenjata fi stat tajjeb u funzjonanti.

Rat l-affidavit ta' **Joseph Chetcuti** ippresentat fis-17 ta' Mejju 2013.

Rat illi fis-17 ta' Frar 2014, tqabbad l-Engineer Kevin Loughborough sabiex jassisti l-Qorti fil-kapacita' ta' Espert Tekniku biex jezamina s-sistena fotovoltaika u jirrelata lura dwar xi nuqqasijiet illi ser jirriskontra, a spejjez provizzorjament tar-rikorrent.

Ra ir-rapport ta' l-Espert Tekniku ppresentat u mahluf fil-15 ta' Dicembru 2014 (fol 87).

Ra id-domandi in eskussjoni illi saru mir-rikorrent lill-Espert Tekniku fil-11 ta' Marzu 2015 (fol 102) illi ghalihom l-Espert Tekniku rrisponda bil-miktub fit-22 ta' Gunju 2015 (fol 108).

Semghet ix-xhieda ta' l-**Ingineer George Cassar**, prodott mir-rikorrenti fid-9 ta' Novembru 2015.

Semghet ix-xhieda ta' **Rachelle Riolo**, prodott mir-rikorrenti fid-9 ta' Novembru 2015.

Rat l-affidavit ta' **Kevin Camilleri**, mressaq mir-rikorrent, fit-3 ta' Dicembru 2015 flimkien ma' dokumentazzjoni hemm annessi.

Semghet ix-xhieda ta' l-**Ingineer Kenneth Chetcuti**, prodott mir-rikorrenti u moghtija fit-3 ta' Dicembru 2015.

Rat illi fit-3 ta' Dicembru 2015 ir-rikorrenti ddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Rat l-affidavit ta' **Louis Borg**, rappresentant tas-socjeta intimata, ppresentat fil-25 ta' April 2016.

Rat illi fl-10 ta' Ottubru 2016 il-Qorti ddikjarat il-provi intimati maghluqa.

Semghet il-kontro ezami ta' Louis Borg illi sar fil-21 ta' Novembru 2016 u it-3 ta' April 2017.

Semghet il-kontro ezami ta' Joseph Chetcuti illi sar fit-22 ta' Mejju 2017.

Rat illi fit-22 ta' Mejju 2017 il-partijiet ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi w ghalhekk il-kawza setghet tithalla ghas-sottomissjonijiet finali.

Rat is-sottomissjonijiet tar-rikorrent ippresentati fis-26 ta' Gunju 2017.

Rat illi fis-26 ta' Gunju 2017 il-kawza thalliet ghas-sentenza bil-fakolta' illi s-socjeta intimata tippresenta s-sottomissjonijet taghha sa l-ahhar ta' Awissu.

Rat illi fit-23 ta' Awissu 2017 is-socjeta intimata ppresentat is-sottomissjonijiet taghha.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta illi r-rikorrent kien xtara minghand is-socjeta intimata sistema fotovoltaika illi l-istess socjeta intimata kellha tinstalla fuq il-bejt tad-dar tar-rikorrent.

Jirrizulta illi r-rikorrent kien hallas is-somma ta' hdax-il elf Euro (€11,000), illi minnha inghata grant minghand il-Gvern ta' tlett elef Euro (€3,000).

Jirrizulta illi s-socjeta intimata kienet ftehmet li tinstalla tlettax-il pannella fotovoltaika PV GESOLAR M240 flimkien ma' inverter tad-ditta Bavaria, precizament Inverter Trap 2500.

Jirrizulta izda illi s-socjeta intimata installat tlettax-il pannella GESOLAR M245 flok dak miftiehem, liema pannelli, teknikament, kienu jirrendu aktar u kien aktar efficjenti minn dawk originalment miftiehma.

Jirrizulta, madanakollu, illi ghalkemm gew installati tlettax-il pannella sabiex is-sistema tkun aktar efficjenti (u attwalment giet installata pannella ohra, sabiex, b'total, kien hemm erbghatax-il pannella), ghalkemm inizzjalment is-sistema bdiet tiggenera l-elettriku, eventwalment l-*inverter*

provdut mis-socjeta intimata, ossija Bavaria 2500, ma kienx qieghed jahdem sew, u di fatti waqaf jahdem u ma baqax jipproduci elettriku.

Jirrizulta illi r-rikorrent gharraf b'tali nuqqas ta' tali problema filwaqt illi qabbad terzi sabiex jinvestigaw il-kaz u sahansitra biddel xi *wiring* fis-sistema bl-isperanza illi s-sistema terrggha tibda tiggenera l-elettriku, izda xorta wahda elettriku ma kienx qieghed jigi generat mill-*inverter*.

Jirrizulta illi r-rappresentant tas-socjeta intimata, Louis Borg, ghalkemm kien qieghed jallega illi l-apparat seta sofra hsara rizultat ta' maltemp li kien hemm f'Ottubru 2012, mument minnhom, offra illi jixtri inverter iehor versu hlas addizzjonali, izda r-rikorrent ma qabilx u ghalhekk nbdiet il-kawza odjerna.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti, tenut kont tan-natura teknika tal-kaz, qabbdet Espert Tekniku sabiex jassistiha, ossija l-Ingineer Kevin Loughborough.

Jirrizulta, mir-rapport tal-Espert Tekniku, illi filwaqt li fl-ewwel hdax-il xahar ta' l-installar, ossija bejn is-7 ta' Novembru 2011 u l-10 ta' Ottubru 2012, is-sistema kienet qieghda tiggenera l-elettriku, ghalkemm tali elettriku kien anqas min-norma, jirrizulta illi wara l-10 ta' Ottubru 2012, is-sistema bdiet tiggenera ferm anqas elettriku minn qabel.

Jirrizulta, di fatti, illi fis-suggerimenti tieghu, huwa kkontenda illi l-inverter kellu jigi irrangat jew mibdul sabiex is-sistema terggha tibda tiggenera l-elettriku.

Jirrizulta wkoll illi, fuq domandi in eskussjoni tar-rikorrent, l-istess Espert Teknku ikkonferma illi filwaqt li l-pannelli kienu qed jiggeneraw l-elettriku, dana l-elettriku eventwalment ma kienx qieghed jigu kkonvertit mill-inverter li kien hemm fuq il-post, peress illi l-inverter ma kienx qieghed jahdem.

Finalment, jirrizulta illi l-Espert Tekniku ikkonkluda illi l-*inverter* idoneju ghas-sistema kif installata kellu jkun 3000 u mhux 2500 kif installat mis-socjeta intimata.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta ben ippruvat, mill-konstatazzjonijet tal-Espert Tekniku kif ukoll mix-xhieda prodotta mir-rikorrent, illi, ghalkemm il-pannelli fotovoltaici, ossija l-erbghatax il-pannella illi kien hemm, u mhux it-tlettax-il wahda illi dwarhom kienu ftehmu originalment, kienu qed jahdmu tajjeb u kienu installati korrettement, ghajr ghall possibbilta' illi jintrabtu mal-art permezz ta' ventijiet, kien l-inverter istallat, ossija Bavaria Trap 2500 illi ma kienx qieghed jahdem kif suppost.

Jirrizulta wkoll, skond l-Espert Tekniku, illi f'kaz li jigi installat Bavaria Trap 3000, dana jkun idoneu ghas-sistema installata mis-socjeta intimata.

Jirrizulta illi, skond Invoice mahrug mis-socjeta intimata (fol 111), inverter tad-ditta Bavaria, Inverter Trap 3000, jigifieri in linea ma' dak suggerit mill-Espert Tekniku, kien jiswa €2,250.

Jirrizulta illi r-rikorrent, fis-sottomissjonijiet tieghu, talab illi jintradd lura l-prezz ta' l-inverter il-gdid, ossija €2,250, flimkien ma' €900 ghall-installazzjoni, u sahaq illi tali somma ghall-istallazzjoni kienet indikata mis-socjeta rikorrenti stess – il-Qorti tosserva illi tali somma ta' €900

tirrigwarda l-installazzjoni tas-sistema SHIHA u mhux talli tirrimpjazza inverter difettuz b'wiehed gdid.

Jirrizulta ukoll, dejjem fis-sottomissjonijiet tieghu, illi r-rikorrent qieghed jitlob ukoll ghar-rifuzjoni ta' €118.30 rappresentanti cable illi huwa kien biddel ghal hxuna korretta – il-Qorti tosserva illi l-Inginier Kenneth Chetcuti, imqabbad mir-rikorrent stess, kien indika illi l-cable installat kien korrett, tant illi qal fix-xhieda tieghu "*jiena kont iccekkjajt u ghedtlu qieghed tajjeb. Qieghed ezatt mal-limit*" (fol 208).

Jirrizulta, finalment, illi r-rikorrent, dejjem fis-sottomissjonijiet tieghu, talab illi jigi lilu rifuz is-somma ta' €1,355 u €4,845, li jaghmlu total ta' €6,200, liema somma kienet, skond ir-rikorrent, telf illi huwa sofra f'elettriku illi ma ggeneratx is-sistema fotovoltaika minhabba fid-difett illi kellha – il-Qorti tosserva illi t-talba illi ghandha quddiemha l-Qorti hija dik ta' rifuzjoni tal-prezz imhallas lis-socjeta intimata rizultat ta' difett fis-sistema hekk installata u ma tinkludix danni, kif donnu qieghed jippretendi issa r-rikorrent. Apparti minn hekk, il-kalkoli maghmulha mir-rikorrenti huma ipotetici w il-Qorti ma tista qatt tasal ghal kwantifikazzjoni ta' danni fuq figuri ipotetici u mhux teknikament ippruvati. Il-Qorti, finalment, taghmel referenza ghall-Artikolu 1390 tal-Kap 16 li jghid:

> *Jekk il-ħaġa li l-bejjiegħ iġib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwiegħda, jew ma tkunx bħall-kampjun li fuqu l-bejgħ ikun sar, ix-xerrej jista' jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jircievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' periti.*

Fil-kaz odjern, ir-rikorrent qieghed jitlob "*rifuzjoni*", ossija li "*jircievi l-haga bi prezz anqas*", u ghalhekk danni ma jistghux jintalbu.

## Ikkunsidrat

Il-Qorti tosserva illi, mill-assjem tal-provi prodotti, johrog car illi l-problema riskontrata mir-rikorrent kienet dovuta ghal *inverter* installat mis-socjeta intimata illi ma kienx idoneu ghas-sistema kif installata u allura ma kienx qieghed jahdem.

Il-Qorti tosserva wkoll illi r-rikorrent talab ghar-rifuzjoni ta' dik il-parti tal-prezz relatata mal-oggetti kkonsenjati li ma kienux tal-kwalita' patwita.

Finalment, il-Qorti tosserva illi l-prezz tal-*Inverter Trap 2500 – Bavaria* kien ta' €2,000 (fol 17) filwaqt illi l-prezz tal- *Inverter Trap 3000 – Bavaria* illi kien idoneu ghas-sistema kif installata kien attwalment ta' €2,250 (fol 111).

Ghalhekk, ikun opportun illi r-rikorrent jigi rifuz lilu somma flus ekwivalenti ghall-prezz ta' inverter idoneu ghas-sistema illi giet lilu installata mis-socjeta intimata izda li ma ffunzjonatx kif mixtieq.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi rat ir-rapport tal-Espert minnha imqabbad u r-rapport addizzjonali ta' l-istess espert bbazati fuq domandi in eskussjoni tar-rikorrent,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri taz-zewgt partijiet,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat,

**Tiddikjara** illi s-sistema fotovoltaika installata mis-socjeta intimata lir-rikorrent ma kienetx tal-kwalita' pattwita stante illi l-*inverter* installat ma kienx idoneu ghall-pannelli funzjonanti w installati, filwaqt illi l-kumplament tas-sistema installata kienet tal-kwalita' pattwita,

**Tillikwida** s-somma illi ghandha tigi rifuza lir-rikorrent mis-socjeta intimata fl-ammont ta' elfejn, mitejn u hamsin Euro (€2,250), u ghalhekk

**Tikkundanna** lis-socjeta intimata thallas lir-rikorrent is-somma ta' **elfejn, mitejn u hamsin Euro (€2,250)**.

**Spejjez** kollha tal-proceduri odjerni u **Imghax** kalkolabbli millum sad-data tal-pagament effettiv ikun kollha a kariku tas-socjeta intimata.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur